KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tal-Laqgħa Straordinarja numru sitta w sittin (66) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-22 ta' Settembru, 2016 fis-1750hrs fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Dr Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |

1. Is-Sindku qalet it-talba u ppresediet il-laqgħa.

2. Hija qalet illi wara l-*e-mail* li bagħat Michel Farrugia l-għada tal-laqgħa preċedenti dwar in-nomina ta' Jerry Ghigo għal Ġieħ l-Imqabba, hija ħasset il-bżonn li ssejjaħ laqgħa straordinarja.

3. Michel Farrugia qal li n-nomina ta' Ġieħ l-Imqabba 2016 mhix waħda meritata għaliex l-unuri li jissemmew fis-CV tiegħu inġiebu għal soċjeta' waħda partikolari Mqabbija, u mhux għall-Imqabba. Hu sostna 'lli fil-każ fejn jissemma' l-Karnival, m'hemm xejn f'isem Jerry Ghigo. Anita Farrugia qablet ma' Michel Farrugia filwaqt li Grace Marie Mallia ma' pparteċipatx fid-diskussjoni minħabba kunflitt peress li Jerry Ghigo jiġi sekonda kuġin tagħha.

4. Hawn is-Sindku qalet illi r-regolamenti huma ċari, jiġifieri li jrid ikun hemm deċizjoni unanima, bħalma fil-fatt kien hemm fil-laqgħa preċedenti. Hawn Michel Farrugia qal li dak il-ħin hu ħass skumdita' biex jivvota. Is-Sindku qalet illi issa għal rikonsiderazzjoni sabiex tinbidel deċiżjoni qabel ma jkunu għaddew sitt xhur, irid ikun hemm riżoluzzjoni speċjali u jista' jagħti l-każ li din tkun trid tiġi ssekondata minn żewġ kunsillieri u mhux minn wieħed biss. Hija fakkret illi l-problema ġejja illi kellna nomina waħda biss valida.

5. Michel Farrugia sostna illi permezz ta' dan l-atteġġjament tal-KLM, bl-għoti ta' l-unur Ġieħ l-Imqabba lil Jerry Ghigo, dik iċ-ċertu armonija ta' bnejna bejn is-soċjetajiet se tintilef. Anita Farrugia qablet miegħu u hija lesta li tissekonda l-istess mozzjoni ta' rikunsiderazzjoni.

6. F'dan il-punt reġgħet inqrat in-nomina tas-Sur Jerry Ghigo mis-Sindku u kien stabbilit illi l-abiltajiet imsemmija fin-nomina huma fuq il-makkiniżmu li ħoloq Jerry Ghigo, liema ħiliet tiegħu qatt ma kienu kontestati fl-ebda waqt matul il-laqgħa preċedenti. Madankollu Michel Farrugia sostna illi n-nomina kienet tagħti lok illi wieħed jifhem illi Jerry Ghigo ħadem għal karnival ta' Malta, mentri dan mhux veru għaliex ma ħa l-ebda' premju f'ismu, peress li vverifika dan fil-frattemp. Hu qal illi din hi xi ħaġa assurda u li se joħroġha pubblika fil-każ illi l-KLM ma jirrinkunsidrax l-għoti ta' dan il-Ġieħ. Anita Farrugia qalet illi filwaqt li hija m'għandha xejn kontra l-persuna, anke l-*wording* li ntuża fin-nomina kien jidher li hemm xaqliba lejn soċjeta' partikolari.

7. Għaldaqstant kien deċiż illi trid issir riżoluzzjoni speċjali biex tkun rikunsidrata id-deċiżjoni tal-KLM meħuda fil-laqgħa preċedenti.

8. Charlene Zammit semmiet il-Festa Ravjul għax hija qalet illi għandna problema biex din tkun organizzata. Dan għaliex meta hija kellmet lil żewġ organizzaturi oħra, dawn tawha l-parir sabiex terġa' tkellem lill-organizzatur oriġinali, *2 Minds Events* peress li fin-nuqqas ta' dan, dawn ikun jistgħu jikkontestawna legalment minħabba l-użu tat-titlu *Festa Ravjul.* Madankollu wieħed ma jridx jinsa illi l-kont tagħhom tal-aħħar attivita' ma kienx tħallas għax dawn ma kienux ħarġuna ta' nies għax ma ġabux l-istalls, u dawn għadhom jikkontestawh. Is-Sindku qalet illi għandna nikkuntattjawhom biex nagħtuhom ċans ieħor u jkun hemm *written agreement* għax wara kollox il-kunċett tat-tfiegħ tar-ravjul mill-gallerijet tas-soċjetajiet mużikali kien purament tal-KLM. Grace Marie Mallia pproponiet li biex ma nkunux marbuta ma' l-ebda organizzazzjoni l-isem *Festa Ravjul* nistgħu nibdluh ma' isem ieħor. Hija qalet illi se nikkuntattjawhom u fil-każ illi l-ispiża tkun se teċċedi is-€700 m'għandniex nikkunsidraw li naħdmu magħhom. Dan wara li l-każini s'issa għadhom ma kkommettewx ruħhom li jaħdmu l-attivita' huma.

9. Il-laqgħa ntemmet fit-1835hrs.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum /10/2016 minn Dr Charlene Zammit

Segretarju Ezekuttiv Sindku